## 21 ta' Marzu, 1959

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**William Allen**

## Ksur tal-Ordni Publiku — Emerġenza — Appell.

***Fost kabijiet oħra, l-Attorney General jista' anki jappella meta l-Ewwel Qorti tkun illiberat fuq il-fatt mhux kif pruvat imma kif semplicement dedott. U l-ġurisprudenza reċenzjuri nterpretat dan bħala li jinkludi d-dritt ta' appell meta l-Maġistrat ikun enunċja skorrettament l-ipotesi tal-liġi, u mbagħad ikun applika għall-fatti kif pruvati dik l-ipotesi skorretta tal-liġi.***

***Issa, jekk il-Maġistrat ikun enunċja l-ipotesi tal-liġi dwar akkuża ta' ksur tal-ordni publiku taħt il-Liġi tal-Emerġenza fis-sens illi f'dan ir-reat jeħtieġ li jkun hemm mhux biss dik***

*l-iskossa fl-opinjoni tas-sikurezza publika li ordinarjament iġib kull reat, imma li jkun hemm ukoll il-probabbiltà ("reasonable anticipation") li jkun hemm. bħala effett tal-kommissjoni tiegħu. ksur tal-paċi publika, dik l-emunċjazzjoni tal-ipotesi tal-liġi hi korretta.*

*U ladarba dik l-ipotesi kienet sewwa, l-applikazzjoni tagħha għall-fatti partikulari tal-każ hi biss kwistjoni ta' valutazzjoni tal-provi, vwoldiri apprezzament ta' fatt, li jisfuġġi għas-sindakat tal-Qorti tal-Appell.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imsemmi Allen quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli l-Furjana, fl-4 ta' Frar 1959, ġieb ruħu b'mod li għandu mnejn iġib ksur tal-paċi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Frar 1959, li biha sabet lill-imputat mhux ħati tar-reat lilu addebitat, u lliberatu minnu, iżda ħati talli pprofferixxa kliem oxxen fil-publiku, u kkundannatu għall-ammenda ta' £1; u ddikjarat l-azzjoni għall-ħebb u nġurji kontra Baker estinta stante r-rinunzja ta' dan Baker, u f'dan is-sens illiberat lill-imputat minn dawn l-imputazzjonijiet;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella middeċiżjoni fuq imsemmija u talab li tiġi revokata filli sabet l-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta oriġinarjament fiċ-ċitazzjoni, billi minflok issibu ħati ta' dik l-imputazzjoni, u, fi kwalunkwe każ, issibu ħati ta' ħebb u nsulti lil Baker għax dawk ir-reati mhumiex rinunzjabbli;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fost każijiet oħra, l-Attorney General jista' anki jappella meta l-Ewwel Qorti tkun illiberat fuq il-fatt mhux kif pruvat, imma kif sempliċement dedott. Il-ġurisprudenza reċenzjuri nterpretat dan bħala li jinkludi dritt ta' appell meta l-Maġistrat ikun enunċja skorrettament l-ipotesi tal-

liġi, u mbgħad ikun applika għall-fatti kif pruvati dik l-ipotesi skorretta tal-liġi;

Issa, f'dan il-każ, mill-eżami tas-sentenza jidher li l-Maġistrat enunċja tajjeb il-liġi, għax hu eżatt li fir-reat tal-emerġenza in parola jeħtieġ li jkun hemm mhux biss dik l-iskossa fl-opinjoni tas-sikurezza pubblika li ordinarjament iġib kull reat, imma li jkun hemm ukoll il-probabbiltà ("reasonable anticipation") li jkun hemm, bħala effett tal-kommissjoni tiegħu, ksur tal-paċi publika. Lanqas jidher li l-Prosekuzzjoni tikkontesta din l-enunċjazzjoni tal-ipotesi tal-liġi;

Issa, ladarba din l-ipotesi kienet sewwa, l-applikazzjoni tagħha għall-fatti partikulari tal-każ hi biss kwistjoni ta' valutazzjoni tal-provi, vvoldiri apprezzament ta' fatt, li jsfuġġi għas-sindakat ta' din il-Qorti;

Lanqas jidher fondat l-aggravju l-ieħor tal-appell tal-Prosekuzzjoni; infatti, għar-reat punibbli "ex officio" l-imputat ġie kundannat;

Iż-żewġ reati l-oħra ta' Ħebb u nġurji kontra Baker, ġew rinunzjati, u huma b'liġi rinunzjabbli;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell tal-Attorney General, u tikkonferma s-sentenza appellata.